Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,130, 30 ta' Ġunju, 1995
Taqsima B

A.L. 94 ta' l-1995

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1995 dwar Rati ta' Stipendji għal Korsijiet *Post-Graduate* għal Studenti Universitarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar Rati ta' Stipendji għal Korsijiet *Post-Graduate* għal Studenti Universitarji.

Ħlas ta' stipendji.

2. Għandhom jitħallsu l-istipendji murijin fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lill-istudenti li jsegwu korsijiet *post-graduate* fl-Università ta' Studji ta' Malta illi jibdew matul is-sena akkademika 1995/1996.

Kif japplika l-A.L. 92 ta' l-1994.

3. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Rati Riveduti ta' Stipendji għal Studenti Universitarji, kif sussegwentement emendati, għandhom ukoll jitqiesu li japplikaw għall-ħlas ta' stipendji li jsir skond dawn ir-regolamenti.

Kriterju.

4. Il-kriterju adottat sabiex jiġi stabbilit li għandu jitħallas stipendju lill-istudenti kollha li jattendu għall-korsijiet elenkati fl-Iskeda ġej mill-fatt li hemm nuqqas ta' riżorsi umani kwalifikati fl-oqsma partikolari msemmija.

SKEDA

(Regolament 2)

Korsijiet li jwasslu għal:	**Lil min jitħallas l-istipendju:**	**Stipendju li jitħallas għal kull xahar kalendarju:**
Post-Graduate Certificate in Education (PGCE)	l-istudenti kollha li jispeċjalizzaw f'xi wieħed minn dawn is-suġġetti didattiċi: Arti *Computer Studies* *Early and Middle Years* Ingliż Franċiż Ġermaniż Kommunikazzjonijiet Grafiċi Storja Edukazzjoni Inklużiva Matematika Mużika Fiżika Reliġjon Xjenza Studji Soċjali Teknoloġija	Lm130.17c
Post-Graduate Diploma in Social Work	l-istudenti kollha	Lm130.17c
Diploma in Probationary Services	l-istudenti kollha li diġà jkollhom xi grad ieħor	Lm130.17c
Post-Graduate Diploma in Gerontology and Geriatrics	l-istudenti kollha	Lm130.17c.